MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 831/2003

Mangion Brothers (Zurrieq) Limited
vs
Korporazzjoni Enemalta

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici kienet tiggestixxi impjant tal-concrete f'Valletta Road, Zurrieq.

Illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet qieghda thedded u fil-fatt kienet hadet passi kontra s-socjeta` attrici sabiex tissospendi u taqta' l-provvista ta' l-elettriku fl-istess impjant.

Illi qtugh tas-servizz elettriku jwaqqaf l-imsemmi impjant b'telf kbir ta' negozju lis-socjeta` attrici u b' dannu lill-haddiema ta' l-istess socjeta` attrici.

Il-Korporazzjoni konvenuta kienet qieghda tibbaza t-theddida u l-passi ghall-qtugh tal-provvista elettrika fuq il-pretest li s-socjeta` attrici kien instabilha sigill tal-maximum demand fil-meter tal-elettriku miksur u s-socjeta` attrici kienet qed tirrifjuta li thallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u hamsa u tletin Lira Maltin u seba' centezmi (LM 2835.07).

Illi dan l-ammont ma kienx dovut, stante li s-sigill kien miksur minhabba ragunijiet accidentali u tant li d-diretturi tas-socjeta` attrici ma kienux konxji minn dan, u tant ukoll li l-Korporazzjoni konvenuta ma kienet hadet ebda passi kriminali kif kien soltu jsir f'cirkostanzi simili u anqas ma kien irrizulta serq jew telfien ta' kurrent elettriku.

Illi skond l-ispirtu tar-Regolamenti li johorgu mill-Att Dwar il-Korporazzjoni Enemalta (Electricity Supply Regulations), talbiet ghall-hlas simili tal-"maximum demand" kien intenzjonat biss meta jirrizulta serq jew telfien tal-kurrent elettriku.

Illi s-socjeta` attrici dejjem kienet hallset il-kontijiet tal-elettriku li jlahhqu ghal eluf ta' liri fis-sena, u qatt ma kellha problemi dwar hlas ta' valur ta' konsum tal-elettriku.

Illi t-talba tal-Korporazzjoni Enemalta ghall-hlas ta' elfejn, tmien mija u hamsa u tletin Lira Maltin u seba' centezmi (LM 2835.07) ma kenitx gustifikata.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tinibixxi lill-istess Korporazzjoni konvenuta milli taqta' jew tissospendi l-provvista tal-eletriku fl-impjant ta' Mangion Brothers (Zurrieq) Limited f'Valletta Road - Zurrieq ghar-ragunijiet fuq premessi;

2. Tiddikjara li s-socjeta` attrici m'ghandhiex thallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsa u tletin Lira Maltin u seba' centezmi (LM 2835.07) kif mitluba mill-Korporazzjoni konvenuta ghall-hlas tal-maximum demand kif fuq premess.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1334/03, u bil-Korporazzjoni konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta li eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-ewwel talba tas-socjeta` attrici ma kenitx legalment sostenibbli peress li din it-talba ma kenitx biex izzomm lill-Korporazzjoni konvenuta milli taghmel xi haga, izda biex iggieghlha tkompli tipprovdi servizz, u dan kif kien gja gie degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv ghal din il-kawza (1334/03 GCD). Ghaldaqstant l-ewwel talba tas-socjeta` attrici kellha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz in ezami, il-Korporazzjoni konvenuta kellha dritt skond il-ligi (Electricity Supply Regulations) li taqta' jew tissospendi l-provvista tal-elettriku tas-socjeta` attrici. Ghaldaqstant l-ewwel talba tas-socjeta` attrici kienet infondata u kellha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

3. Illi s-somma ta' Lm2835.07 kienet dovuta mis-socjeta` attrici lill-Korporazzjoni konvenuta ai termini tal-Electricity Supply Regulations. Ghaldaqstant it-tieni talba tas-socjeta` attrici kienet infondata u kellha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

4. Salv eccezjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Korporazzjoni konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni li giet prezentata ghan-nom tal-Korporazzjoni konvenuta.

Gie prezentat affidavit ta' Salvatore Mangion direttur fis-socjeta` Mangion Brothers (Zurrieq) Limited li fih issemma li xi zmien ilu kienu marru fl-impjant tas-socjeta` attrici zewg impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta li qalulhom li kien hemm is-sigill tal-***maximum demand*** fil-***meter*** li kien maqtugh. Dan il-meter huwa insallat go ***garage*** li jinhadmu t-travi tal-hadid fih u jkun hemm hafna ingenji fih. Zied jghid li go dan il-***garage*** jidhlu hafna nies, kemm impjegati kif ukoll klijenti. Qabel dan l-incident il-meter kien mikxuf u seta' jintlaqat facilment, izda wara dan il-kaz il-meter gie maghluq gol-aluminium ghall-protezzjoni. Kompla jghid li l-kont kien eccessiv u ma kienx jirrifletti l-konsum jew kumpens ghall-hsara li seta' garrab is-sigill. La hu u anqas huh Carmelo Mangion ma kienu jafu li s-sigill kien maqtugh. Mill-Korporazzjoni intimata kienu qalulu li telf ta' kurrent elettriku ma kienx hemm. Huma kienu rrifjutaw li jhallsu s-somma mitluba u l-Korporazzjoni Enemalta bdiet thedded li ser taqta' jew tissospendi l-provvista tal-elettriku jekk ma jsirx il-hlas. Qatt ma kienet saret inkjesta u qatt ma ttiehdu passi kriminali dwar dan il-kaz. Hu qal li ma kienx jaf li ma kienx hemm sigill. Meta ntbaghat il-kont hu mar jargumenta fuqu.

Gie prezentat affidavit ta' Carmelo Mangion direttur fis-socjeta` attrici li kkonferma d-dikjarazzjoni tal-fatti u kkonferma dak kollu li qal Salvatore Mangion fl-affidavit tieghu.

Gie prezentat affidavit ta' Mark Mangion impjegat mas-socjeta` attrici li qal li hu jahdem fil-***garage*** fejn hemm il-

***meter*** tad-dawl. F'dan il-***garage*** huma jimmuntaw qofsa tal-hadid ghall-pilastri u t-travi. F'dan il-garage jidhlu hafna nies, impjegati u nies ohra li m'humhiex. Qabel l-ispezzjoni l-***meter*** kien mikxuf imma issa inghalaq fl-aluminium biex ikun protett.

Gie prezentat affidavit ta' Mario Cassar impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta bhala ***Senior Distribution Tradesman*** li qal li xogholu jikkonsisti ***f'routine inspections*** f'varji fondi li huma forniti bl-elettriku u li huma ***heavy consumers*** bhal fabbriki u lukandi. Qal li fil-kaz ta' konsumaturi industrijali jigi installat ***meter*** specifiku li jkollu qari separat li ma jinsabx f'***meters*** domestici u li jigi installat appozitament biex ikejjel l-ghola sahha ta' elettriku li tkun giet supplita lill-istabbiliment in kwistjoni. Dan id-***dial*** huma jsejhulu ***maximum demand*** u huwa allaccjat ma' tariffa partikolari li hija stabbilita sabiex il-varji impjanti jkollhom incentiv u fl-istess waqt deterrent milli jeccedu fil-konsum taghhom f'mument partikolari.

Huma jmorru f'dawn il-fondi darba fis-sena biex jergghu jnizzlu ***d-dial*** fuq ix-xejn. Dan l-ezercizzju jsejhulu ***zeroisation*** u jsir sabiex id-***dial*** tal-***Maximum Demand*** turi dak li kien l-ghola konsum f'sena partikolari. Dan id-***dial*** hu protett b'sigill mal-buttuna ***reset*** biex ma jigix imbaghbas. Hu kien mar ma' kollega tieghu jaghmel ***inspection*** fl-20 ta' Mejju 2002 u sabu li s-sigill tar-***reset button*** kien nieqes. Zied jghid li f'kazijiet bhal dawn tigi awtomatikament applikata l-oghla tariffa prevista. Qal li minn naha l-ohra l-***meter*** kien intatt u ma kellux xi brix li jista' jissuggerixxi li ntlaqat.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Damien Degiorgio li fih issemma li l-***meter*** tal-***maximum demand*** hu necessarju biex jigi evitat manipulazzjoni tal-qari ta' dan l-***indicator***. Fin-nuqqas tas-sigill tkun tista' tinghafas ir-***reset button*** u l-qari jigi jaqra xejn. Kienet introdotta d-dispozizzjoni li jekk jinstab is-sigill nieqes jigi applikat l-oghla qari possibbli.

Semghet bil-gurament lil Anthony Micallef Senior Administrator li qal li marru l-impjegati tal-Enemalta biex

jissettjaw il-***meter*** fuq 0 kienu sabu s-sigill tal-***maximum demand*** maqtugh. L-Enemalta ghandhom regolamenti li jghidu li kull fejn jinstab dak is-sigill maqtugh, jigi ***charged*** il-***full capacity*** li jista' jimmarka l-***maximum demand*** ta' dak il-meter partikolari u ghalhekk f'dan il-kaz giet ***charged*** il-***full***.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici Mangion Brothers Limited talbet li l-Qorti tiddikjara li hi m'ghandhiex thallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsa u tletin Lira Maltin u seba' centezmi, li gew mitluba mill-Korporazzjoni Enemalta.

Gie eccepit li skond l-Electricity Supply Regulations, il-Korporazzjoni konvenuta kellha d-dritt tissospendi l-provvista ta' l-elettriku u skond l-istess Regolamenti l-ammont ta'elfejn, tmien mija u hamsa u tletin liri Maltin u seba' centezmi LM2835.07 hija dovuta mis-socjeta` attrici.

Gie sostnut mid-Diretturi tas-socjeta` Mangion Brothers Limited li ma kienux a konoxxenza tal-fatt li s-sigill in kwistjoni mal-***meter*** ta' l-elettriku kien maqtugh. Min-naha tas-socjeta` attrici, gie sostnut ukoll li dan is-sigill ma kienx maqtugh intenzjonalment, izda f'dan il-***garage*** fejn kien hemm il-***meters*** tad-dawl, kienu jidhlu hafna nies jahdmu u ingenji u ghalhekk dan gie miksur b'kawza purament accidentali (a fol 28-30). Irrizulta li ma kienx hemm l-ebda telf jew serq ta' kurrent elettriku fil-kaz in ezami. Izda l-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li jidhlu n-nies fil-post ma jiskulpax lid-detentur tal-fond. Tibqa' dejjem responsabbilta` tal-pussessur tal-fond li ma jinkisrux is-sigilli u jekk b'xi mod accidentali dawn jigu miksura jinkombi fuq l-istess pussessur li jaghti raguni valida ghaliex dawn is-sigilli gew miksurin. Fil-kaz in ezami ma giet pruvata ebda raguni valida ghall-ksur ta' dawn is-sigilli. Jekk ***meter*** hu accessibbli ghall-pubbliku jinkombi fuq is-sid li jiehu hsieb jaghmillu xi armarju b'mod li hadd ma jkun jista' jmissu. Il-fatt li Salvatore u Carmelo Mangion xehedu li huma ma kienux a konoxxenza ta' kif sar il-ksur mhux sufficjenti.

Irrizulta li fil-kaz ta' konsumaturi industrijali jigi installat ***meter*** specifiku li jkollu qari separat li ma jinsabx f'***meters*** domestici u li jigi installat appozitament biex ikejjel l-oghla sahha ta' elettriku li tkun giet supplita lill-istabbiliment in kwistjoni. Dan id-***dial*** huma jsejhulu ***maximum demand*** u huwa allaccjat ma' tariffa partikolari li hija stabbilita sabiex il-varji impjanti jkollhom incentiv u fl-istess waqt deterrent milli jeccedu fil-konsum taghhom f'mument partikolari. Fin-nuqqas tas-sigill tkun tista' tinghafas ir-***reset button*** u l-qari jigi jaqra xejn. F'kazijiet bhal dawn tigi awtomatikament applikata l-oghla tariffa prevista. Il-meter tal-***maximum demand*** hu necessarju biex jigi evitat manipulazzjoni tal-qari ta' dan l-***indicator***. Kienet introdotta d-dispozizzjoni fil-ligi li jekk jinstab is-sigill nieqes jigi applikat l-oghla qari possibbli. L-Enemalta ghandhom regolamenti li jghidu li kull fejn jinstab dak is-sigill maqtugh, jigi ***charged*** il-***full capacity*** li jista' jimmarka l-***maximum demand*** ta' dak il-***meter*** partikolari u ghalhekk f'dan il-kaz giet ***charged*** il-***full***.

Ukoll l-ilment tas-socjeta` attrici huwa bazat fuq il-fatt li s-somma li ntalbet mill-Enemalta hija somma eccessiva ghall-ammont ta' elettriku li kien fil-fatt gie uzat.

Illi min-naha tal-Korporazzjoni konvenuta gie ppruvat permezz tax-xhieda teknici li kien hemm hsara fir-***reset button*** tal-***meter*** tal-***Maximum Demand***, cioe` li proprju dan is-sigill tar-***reset button*** kien nieqes. U kwindi, l-Korporazzjoni ma tistax tiddetermina x'kien il-***Maximum Demand*** f'dik is-sena partikolari.

Illi ghaldaqstant, din mhix kwistjoni ta' jekk effettivament il-***meter de quo*** kienx imbaghbas o meno, izda huwa fatt li jirrizulta carament li s-sigill kien nieqes u galadarba dan is-sigill kien nieqes, ma setax isir il-qari tal-***meter*** kif normalment isir. Ghal din ir-raguni, gie stabbilit fir-Regolament tal-Provvista ta' l-Elettriku li:
"Where the seal of a maximum demand indicator is found broken or tampered with the indicator shall be conclusively deemed to have registered the highest demand in K.W. which it is capable of registering."

Mill-provi prodotti, il-Qorti tissottolinea li fil-kaz odjern, m’hemmx bzonn li jigi analizzat jew ippruvat l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa u tbaghbis fil-***meter*** konsistenti mal-ksur tas-sigill. Tant hu hekk li fil-kaz in kwistjoni, il-Korporazzjoni konvenuta, qatt ma nfurmat lill-Pulizija, qatt ma saret inkjesta, u qatt ma ttiehdu passi kriminali fir-rigward ta’ dan. U allura anke jekk is-sigill gie miksur f’kaz ta’ mera negligenza, xorta wahda, il-hlas huwa dovut lill-Korporazzjoni konvenuta ghax hija mxiet skond ir-Regolamenti stabbiliti.

E. **KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta u ghalhekk tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------